MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Numru. 219/2011

**Il-Pulizija**

**(Spettur Raymond Aquilina)**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Edgar Publius Bonnici Cachia**

**Kumpilazzjoni Nru: 219/2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Edgar Publius Bonnici Cachia, ta’ 60 sena, bin il-mejjet Henry u l-mejta Emma nee’ Cachia, imwieled Hamrun fit-28 ta’ Lulju 1950 u residenti fil-fond ‘Frida” 121/2 Naxxar Road, Birkirkara u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 632650(M).

Akkuzat talli:

F’dawn il-Gzejjer, f’Lulju 2010, u fix-xhur precedenti, b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:-

1. Bil-hsieb li jestorci flus jew xi haga ohra, jew li jaghmel xi qligh, jew bil-hsieb li jgieghel lil persuna ohra tesegwixxi, tiddistrucci, tqalleb, jew tbiddel testment jew obbligazzzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew jaghmel jew jonqos illi jaghmel xi haga, jhedded li jaghmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jaghti malafama lil dik il-persuna jew persuna ohra cioe’ Louise-Antoinette Farrugia.

2. U aktar talli gab ruhu b’mod li ta fastidju lil Louise-Antoinette Farrugia, b’mod li kien jaf, jew li kien imissu kien jaf li b’eghmilu kien ta’ fastidju lill-istess persuna msemmija.

3. U aktar talli, bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor u cioe’ lil Louise-Antoinette Farrugia biza’ li ser issir vjolenza fuq persunitha jew il-proprjeta’ taghha.

4. U aktar talli uza xi sistema jew apparat tat-telekomunikazzjonijiet provdut minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih ikun gie provdut, jew naqas milli josserva dawn l-istruzzjonijet li jinhargu

minn provditur awtorizzat ghall-uzu sew tas-sistema tat-telekomunikazzjonijiet jew taghmir jew ghamel uzu minnu mhux sew.

5. Kif ukoll talli sar recediv b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell (Malta) datata 12 t'Awwissu, 2010 u mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 13 ta' Mejju, 2008 liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija mitluba sabiex jekk jidhrilha xierqa, tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmija Louise-Antoinette Farrugia u l-familja taghha, minn issa tapplika l-provedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhirlha li huma xierqa.

Il-Qorti giet mitluba biex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna nvoluta u l-familja taghha ai termini ta' l-Artikolu 382A et sequitor, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 18, 49, 50, 250, 251A u 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 48(1)(d) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda l-agir ta’l-imputat fil-konfront tal-parte civile, Louise Antoinette Farrugia, wara li Farrugia temmet relazzjoni li kien hemm bejniethom.

Illi mill-provi akkwezieti f’dan il-process jirrizulta li Farrugia u l-imputat iltaqghu ghall-ewwel darba nhar l-10 ta’ Frar 2010 wara li kienu ghadhom kif saru jafu lil xulxin fuq sit socjali fuq l-internet. Huma bdew jiltaqghu u r-relazzjoni ta’ bejniethom saret wahda intima.

Illi nhar l-10 ta’ April 2010 (ghalhekk wara xahrejn li kienu ilhom jafu lil xulxin) Farrugia saret taf li l-imputat kien instab hati ta’ frodi fil-konfront ta’ mara anzjana. Meta saret taf hekk Farrugia ddecidiet li ma rieditx tkompli bir-relazzjoni taghha ma’l-imputat. Dak in-nhar l-imputat kellu jiltaqa’ ma’ Farrugia u l-Avukat taghha; l-imputat mar kif miftiehem pero qalulu li riedu jitkellmu wahedhom ghalhekk l-imputat telaq. Ghal jumejn Farrugia m’ghamlet l-ebda kuntatt ma’l-imputat minkejja li hu kien cemplilha diversi drabi; eventwalment kellmitu u qaltu li hi ma riditx tibqa f’relazzjoni mieghu u li kienet qed ittemm din ir-relazzjoni. Farrugia ma qaltlux ghaliex kienet qed ittemm ir-relazzjoni ta’ bejniethom.

Illi l-imputat deherlu li kellu dritt ikun jaf ghalfejn Farrugia waqqfet ir-relazzjoni u minn hemm bdew sensiela ta’ telefonati, sms’s u e-mails lil Farrugia. Ghalkemm Farrugia kienet tghidlu li hi ma tridx taf aktar huwa baqa jippersisti jcemplilha u jibghatilha e-mails. Peress li l-imputat kien persistenti hafna bit-telefonati Farrugia biddlet in-numru tat-telephone u n-numru l-gdid ghamiltu “ex-directory”; pero l-imputat irnexxielu jakkwista dan in-numru u beda jcemplilha fuqu ukoll. Huwa anke cempel lil membri tal-familja taghha. Kien

biss meta mbaghad f'Lulju 2010 huwa beda jiskonta sentenza ta' prigunerija fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin li waqaf mit-telefonati, sms's u emails.

Illi fil-kors ta' dawn it-telefonati u aktar permezz ta'l-emails l-imputat kien insistenti hafna li Farrugia kellha tghidlu x'kienet ir-raguni ghalfejn ma riditx tibqa f'relazzjoni mieghu. Huwa ma setax jaccetta s-silenzju taghha u beda "jheddidha" li jekk ma tghidlux x'kienet ir-raguni ghalfejn temmet ir-relazzjoni ta' bejniethom huwa kien ser imur il-Curia u jitlob li jixhed fil-proceduri ta' annullament li kellha pendenti quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku.

Illi l-imputat kien juza certu kliem, bhal:

- tkellimt ma Monsinjur importanti fil-knisja, lest li nzommlok l-annullament;
- jien ghandi l-flus u bil-flus taghmel triq fil-bahar;
- jien sejjer inkun xhud fis-sekonda stanza ukoll ser inkellem nies ohra;
- jien ser inkun xhud fit-tieni stanza u jekk ma jtellawniex nikteb lil Vatikan u tkun taf il-forza tieghi;
- cempilli ghax jaqbel, hassartli sahti u jekk ma tissetiljax bil-kwiet ser niehu passi ulterjuri.

Illi aktar minn hekk l-imputat prova jkellem lil qassis li kien jaf lil Farrugia u lill-psikologu (lil huwa ukoll qassis) li kienet tikkonsulta mieghu l-imputata. Huwa anke kellem jew prova jkellem xi qassisin li huma mhallfin fit-Tribunal Ekklesjastiku, pero wiehed minnhom lanqas biss jiftakru lill-imputat u l-iehor irrifjuta li jkompli jkellmu malli rrealizza li l-imputat ried ikellmu fuq persuna li kellha proceduri pendenti fit-Tribunal.

Illi Farrugia tammetti li l-imputat qatt m'heddieda b'vjolenza u lanqas qatt ma hedded li ser jirrapportaha lil pulizija jew jaghmel xi kwerela kontra taghha. Hi tghid li t-theddied ta'l-imputat kien fis-sens li ser jipprova jfixkielha fil-proceduri ta' l-annullament quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku.

Illi dawn il-fatti jirizzultaw mill-provi prodotti u huma ammessi f'l-istqarrija ta' l-imputat. Minn din l-istqarrija jirrizulta ukoll li l-imputat kien lest ukoll li "juza" xi kartolina li kienet baghtitlu Fauugia bhala "arma" billi jipprezentaha lit-Tribunal Ekklesjastiku.

Illi ghandu jigi  rilevat li fil-kors ta' dawn il-proceduri tressqu hafna provi ohra. Il-parte civile fid-depozizzjoni taghha qalet hafna dwar x'tip ta' relazzjoni kellhom u kif kien jipprezenta ruhu l-imputat bil-kontradizzjonijiet kollha li kienet tara f'l-imputat, fis-sens li huwa kien jipprezenta ruhu bhala bniedem ta' l-affari tieghu, ta' certi kwalifiki u li kellu diversi rizorsi meta fil-fatt (dejjem skond Farrugia) kien kompletament differenti. L-imputat min-naha l-ohra ressaq diversi xhieda biex jipprova li huwa ma kienx il-persuna li kienet qed tipprova tpingi Farrugia.

Illi pero dan kollu (cioe x'tip ta' persuna kien l-imputat u kif zvolgiet ir-relazzjoni ta' bejnu u Farrugia) huwa irrelevanti ai fini ta'l-imputazzjonijiet in ezami; dak li hu relevanti huwa x'gara wara li Farrugia temmet ir-relazzjoni u hekk dak li gara jinkwadrax ruhu f'l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat.

Ikkunisidrat

Illi permezz ta'l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu l-imputat qed jigi addebietat bir-reat predispost f'l-artikolu 250 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe ir-rikatt (blackmail). Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

> *Kull min, bil-ħsieb li jestorċi flus jew xi ħaġ'oħra, jew li jagħmel xi qligħ, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil persuna oħra tesegwixxi, tiddistruġġi, tqalleb, jew tbiddel testment jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, ihedded li*

*jagħmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jagħti malafama lil, dik il-persuna jew persuna oħra, jeħel, meta jinsab ħati ... ...*

Illi din id-dispozizzjoni giet l-ahhar emendata permezz ta'l-Att III tas-sena 2002. Permezz ta' din l-emenda l-legislatur ried jipprovdi sanzjoni ukoll fil-kazijiet fejn l-intenzjoni tar-rikattatur ma tkunx biss dik tal-qliegh finanzjarju jew ekonomiku jew ta' xi gwadann iehor personali. Fil-laqgha tas-17 ta' Ottubru 2001 tal-Kumitat tal-Kamra tar-Rapprezentanti ghall-Abbozz tal-Ligi[1] dwar dawn l-emendi l-Onorevoli Dr Tonio Borg ighid hekk dwar l-iskop ta'l-emenda ghall-artikolu 250 in dizamina:

*Qabel ir-rikatt kien ikkonsidrat biss bħala att kriminali jekk kien iwassal għal gwadann ekonomiku, bdil jew distruzzjoni ta' provvediment kuntrattwali jew inkella ta' testment, pero` bl-emenda li qed nagħmlu r-rikatt se jkun ipprojbit kriminalment għal kwalunkwe skop u se jkun meqjus bħala att kriminali, anke jekk, per eżempju, ikun hemm theddida ta' inġurja jew ta' malafama fil-konfront ta' persuna.*

Illi ghalhekk biex jissussisti r-reat in ezami mhux necessarju li jigi pruvat li l-imputat ried jaghmel xi gwadan patrimonjali ghaliex jista jissussisti r-reat, kien x'kien l-iskop li ried jilhaq l-imputat b'l-agir tieghu; dan naturalment jekk jigu pruvati l-elementi l-ohra rikjesti biex jissussisti r-reat.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li l-imputat kellu skop specifiku: dak li jkun jaf ghalfejn Farrugia temmet ir-relazzjoni ta' bejniethom. Jirrizulta ukoll li huwa agixxa bil-mod kif agixxa fil-konfront ta' Farrugia biex jilhaq dan il-ghan.

[1] Kwotata fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Ashraf Elbakry mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fid-9 ta' Jannar 2014.

Ill pero l-artikolu 250 fuq kwotat jirrikjedi ukoll li biex l-imputat jilhaq dak l-iskop irid ikun ghamel theddied fil-konfront tal-vittma, **u li dan it-theddied ikun *li jagħmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jagħti malafama lil, dik il-persuna jew persuna oħra***.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li dak li "hedded" bih l-imputat kien li ser jipprezenta ruhu quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku biex jixhed fil-proceduri ta' annullament ta' Farrugia. Hu "hedded" ukoll li ser ikellem li xi persuni "influwenti" fit-Tribunal Ekklesjastiku u anke li ser iwassal biex Farrugia ma tiehux l-annullament. X'kien ser jghid l-imputat lil dawn in-nies, jew x'kien ser jixhed kieku gie accettat bhala xhud quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku ma jirrizultax; ghalhekk ma jistax jinghad li huwa kien ser jaghmel xi malafama fil-konfront ta' Farrugia. Lanqas ma jirrizulta li l-imputat kien ser jaghmel xi denunzja jew kwerela kontra Farrugia.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi huwa mankanti element essenzjali tar-reat in ezami li ghalhekk ma jistax jissussisti.

Ikkunisdrat

Illi permezz tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu l-imputat qed jigi addebietat bir-reat ta' fastidju predispost f'l-artikolu 251A tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li ghal tlett xhur wara li Farrugia temmet ir-relazzjoni taghha mieghu, l-imputat baqa jcempel lil Farrugia kontinwament, jibghatilha sms's u anke emails; huwa gieli cempel lill-membri tal-familja taghha ukoll. Sahansitra meta hija bidlet n-numru tat-telefon taghha huwa ra kif ghamel u akkwista n-numru l-gdid ghalkemm dan kien ex directory u beda jcempel fuq dan in-numru ukoll.

Illi r-reazzjoni ta' Farrugia ghal dawn it-telefonati, sms's u emails kienet cara u inekwivoka; ma seta' jkun hemm l-ebda dubbju li dawn it-telefonati u emails kienu ta' fastidju ghaliha.

Illi ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li din it-tieni imputazzjoni hija sodisfacjentement pruvata.

Ikkunisdrat

Illi peremzz tat-tielet imputazzjoni l-prosekuzzjoni qed tallega li b'l-agir tieghu l-imputat gieghel lil Farrugia tibza' li ser tintuza vjolenza kontra taghha, r-reat predispost f'l-artikolu 251B tal-Kapitolu 9.

Illi mill-provi akkwezieti f'dan il-process jirrizulta li l-imputat qallha hafna affarijiet lil Farrugia, kliem riprodott aktar 'l fuq fir-riassunt tal-fatti u tal-provi. Dan il-kliem ta'l-imputat, kif ukoll l-agir tieghu fil-konfront ta' Farrugia, ma jistax jiftiehem bhala theddied, esplicitu jew implicitu, ta' vjolenza futura. Hareg car li kull darba li lissen kliem bhal "*issa tkun taf min jien*" jew "*issa tkun taf jien x'insarraf*" u anke "*issa tkun taf il-forza tieghi*" l-imputat kien qed jirreferi ghall-influenza li hu haseb li seta' jkollu fuq l-ezietu tal-proceduri ta' l-annullament li Farrugia kellha pendenti quddiem it-Tribunal Ekkljesjastiku.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi din it-tielet imputazzjoni ma tistax tirrizulta.

Ikkunisdrat

Illi permezz tar-raba imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat ir-reat predispost f'l-artikolu 48(1)(d), gia l-artikolu 35(1)(d), tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali kellha l-opportunita tippronnzja ruhha dwar dan ir-reat. Fis-sentenza mghotija nhar fil-kawza Il-Pulizija ve Etienne Calleja[2] intqal hekk:

> *Illi moqri fid-dawl tal-import tas-sub sub-incizi (a) (b) (c) li jippreceduh, u tas-sub artikolu (2) (3) u (4) li jsegwuh jidher car li s-sub sub inciz (d) qed jikkontempla uzu ta' network jew apparat li bhall-dawk li jissemmew qabel, mhumiex awtorizzati, jew ghax mhumiex teknikament korretti, jew ghax ma jsirux minn persuni kwalifikati, jew ghax ma jkunux teknikament kompatibbli ma servizzi ohra, eccetera. Jidher li l-ghan tal-ligi specjali f' dan l-artikolu mhux li johloq jew jippunixxi b' mod aktar sever u gravuz reati kriminali li jinsabu f' ligijiet ohra li jsiru b' mezzi ta' telekomunikazzjoni, kif qed tinterpreta dan is-sub inciz (1)(d) tal-artikolu 35 il-Prosekuzzjoni, imma biex tipprevjeni abbuzi ta' natura teknika minn sistemi ta' komunikazzjonijiet elettronici. Bl-applikazzjoni tar-regola tal-interpretazzjoni ta'l-eiusdem generis, jidher car li is-subinciz (d) m'hu xejn hlief aspett iehor tar-reati ta'*
>
> *natura teknika kontemplati fis-sub sub-incizi (a) (b) u (c) u reati ohra intizi biex jolqtu specifikatament it-thaddim ta' sistemi ta' komunikazzjonijiet elettronici w ma jissema b'l-ebda mod u ma jiccentra xejn it-theddid jew addirittura xi tip ta' reat iehor kontemplat f' xi ligi ohra.*
>
> .......
>
> *Hu car ghalhek li l-kliem "ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih" u "jew tuzah b' mod mhux kif imiss" f' dan is-sub-inciz ma*

[2] Deciza 22.08.2007.

*jirriferix ghall-kommissjoni ta' xi reat iehor bl-uzu tat-telephone, imma ghall-uzu ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoniijiet elettronici fornut minn impriza mhux ghal-ghan tekniku, awtorizzat, kompatibbi, eccetera, jew ghall xi forma ta' abbuz iehor, imma dejjem fl-isfera tar-reati ta' l-istess natura teknika komprizi fis-sub-sub-incizi (a) (b) u (c) u reati ohra krejati fis-subartikoli (2) (3) u (4) li kollha jirrigwardaw abbuzi ohra bhal min jaghti informazzjoni falza jew qarrieqa (2); ta' impjegat ma xi impriza li tati informazzjoni dwar messaggi li jsir jaf bihom minnhabba l-kariga li jkollu, jibdel jew jahbi jew jommetti, jdewwem jew jostruwixxi milli jwassal xi messagg jew jeqred xi messagg jew ihassar jew jeqred xi messagg li ma jkunx indirizzat lilu, eccetera (3) jew inkella ta' min jattakka jew jostruwixxi xi impjegat ta' impriza fil-qadi tal-funzjonijiet tieghu (4). Dan ikompli jsahhah il-konvinzjoni ta' din il-Qorti dwar l-ghan veru tar-reati kontemplati f' din it-Taqsima tal-Kap.399.*

Illi dan il-principju baqa jigi japplikat u assodat mill-Qrati taghna tul is-snin b'mod li llum l-Kapitolu 399 jipprovdi b'mod specifiku ghal minn juza mezzi eletronici biex jdejjaq, joffendi jew jhedded lil haddiehor[3].

Illi fil-kaz in ezami l-prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat uza mezzi elettronici: il-mobile phone u l-internet (tramite l-emails), biex idejjaq u jhedded lil Farrugia. Huwa car, fid-dawl tal-gurisprudenza fuq kwotata, li din ir-raba imputazzjoni, kif dedotta, ma tistax tirrizulta.

Ikkunisdrat

Illi l-hames imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik dwar recidiva. In sostenn ta' din l-imputazzjoni l-prosekuzzjoni prezentat zewg sentenzi: wahda datata 13 ta' Mejju 2008 mghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), u l-ohra

[3] Dan peremzz tal-artikolu 49.

datata 12 ta’ Awissu 2010 mghotija mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali li biha giet konfermata sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar it-18 ta’ Jannar 2010. Permezz ta’l-ewwel sentenza l-imputat, wara li gie misjub hati tar-reati hemm indikati, gie ikkundannt multa; permezz tat-tieni sentenza gie ikkundannat sittax il-xahar prigunerija.

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-imputat qed jinstab hati ta reat li twettaq bejn April u Lulju 2010. Dan ifisser li s-sentenza mghotija mil-Qorti ta’ l-Appell Kriminali (u kwindi s-sentenza mghotija fit-18 ta’ Jananr 2010) ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni ghaliex din saret ezekuttiva u definittiva wara li twettaq r-reat in ezami[4]. L-istess ma jistax ma jistax jinghad dwar is-sentenza mghotija fit-13 ta’ Mejju 2008; ir-reati odejrni sehhew fil-perjodu ta’ hames snin wara din l-imsemmija sentenza ghalhekk l-imputat ghandu jitqies recidiv ai fini ta’l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunisdrat

Illi ai fini ta’ piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta’l-ewwel, it-tielet u r-raba imputazjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikolu 18, 49, 50 u 251A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati tat-tieni u l-hames imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta’ tlett elef Euro (€3,000) u b’applikazzjoni ta’l-artikoli 382A u 412C ta’l-istess Kapitolu 9, biex tipprovdi għas-sigurtà ta’ Lousie

[4] F’dan il-kuntest tisfuma fix-xejn kull lanjanza li seta’ kellu l-imputat dwar il-konkluzzjoni tal-proceduri odjerni qabel ma jirrikorri (jekk jaghzel li hekk jaghmel) quddiem l-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fir-rigward tal-proceduri li wasslu ghall-ghoti tas-sentenzi tat-18 ta’ Jannar 2010 mill-Qorti tal-Magistrati Malta u tat-12 ta’ Awissu 2010 mill-Qorti ta’l-Appell Kriminali. Dan ghaliex indipendentement minn jekk l-imputat ghandux ragun f’l-allegazzjoni li fil-kors ta’ dawk il-proceduri huwa ssubixxa ksur ta’ xi dritt funadamentali, is-sentenzi li huwa qed jattakka ma jistghux jittiehdu in konsiderazzjoni ai fini ta’l-imputazzjoni dwar recidiva fil-proceduri odjerni. Dan ifisser li anke jekk l-imputat iressaq l-ilment tieghu quddiem il-Qorti Ewropea u din tilqa l-ilment tieghu, dan ma jista qatt ikollu xi impatt fuq is-sentenza odjerna.

Antoinette Farrugia u għaż-żamma ta'l-ordni pubblika qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta' trazzin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment u dan ghall-perjodu ta' tlett (3) snin.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------